Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,377, 17 ta' Jannar, 2025
Taqsima B

A.L. 14 tal-2025

ATT DWAR IL-PULIZIJA
(KAP. 164)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Pulizija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 82(2) u 101 tal-Att dwar il-Pulizija, il-Ministru responsabbli għall-pulizija, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Pulizija u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Pulizija, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"Raba' Skeda". Kap. 164.

Jemenda r-Raba' Skeda.

2. Fir-regolament 14(5) tar-Raba' Skeda l-kelma "servizz." għandha tiġi sostitwita bil-kelma "servizz:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda fuq talba tal-benefiċjarju, għandhom jitħallsu gratifikazzjonijiet fl-aħħar ta' kull waħda mill-erba' (4) snin koperti minn din id-dispożizzjoni.".